*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

# Disa' Legislatura

## *Laqgħa numru 7*

***6.00p.m 3 ta' Diċembru 2019***

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Josef Azzopardi | - Sindku |
| Is-Sur Francis Debono | - Kunsillier |
| Is-Sur Colin Pace | - Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | - Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Lia | - Kunsillier |
| Is-Sinjura Charmaine Aquilina | - Kunsillier |

## *Assenti b'apoloġija*

Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku

## *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

## *7.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

7.1.1 Il-Viċi Sindku is-Sur Joseph Scerri talab biex ikun skużat minħabba impenji ta' xogħol. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot kien unanimu.

## *7.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

7.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 6 kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *7.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

7.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-Membri tal-Kunsill li kif ġie spjegat fil-laqgħa preċedenti hemm il-ħsieb li għall-ewwel darba issir attivita' zgħira tal-Milied f'Albertown. Huwa talab l-opinjoni tal-Membri preżenti, iżda wara diskussjoni qasira ġie maqbul li din l-attivita' għandha tiġi kkanċellata peress li l-ammont ta' residenti fl-akwata huwa zgħir, u ma fadalx ħafna żmien biex wieħed jippjana għall-attivitita' oħra.

7.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-aġenzija MISCO qed tagħmel qwestjonarju dwar propost żvilupp quddiem il-Bank of Valletta, għal bini ta' madwar sittax-il sular, kif ukoll tlett sulari taħt l-art u kaffetterija. Is-Sindku qal li filwaqt li l-Kunsill m'għandhu jkollu l-ebda oġġezzjoni għal dan it-tip ta' żvilupp tajjeb li wieħed jistaqsi ċertu mistoqsijiet relatati ma traffic management, u kien hemm qbil ma dawk preżenti li dan għandhu jsir.

7.3.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ikkwalifika għall-fondi mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal drip irrigation b'ammont ta' iktar min €6,000 li ser jmur għat-tisqija tal-masġar fi Triq Isouard ma Qormi Rd, kif ukoll għal Pont San Tumas u taħt il-Pont.

Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina daħlet fis-6.15p.m

7.3.4. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ġibed għall-attenzjoni tal-Kunsill li emails mill-Membri tal-Kunsill għandhom jintbgħatu internament lilu bħala Sindku fuq kwistjonijiet relatati mall-Kunsill, qabel ma dawn jiġu ppreżentati ma Ministri jew Segretarji Parlamentari.

## *7.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

7.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li jixtieq li l-Kunsill joħroġ mozzjoni ta' ringrazzjament lill-Prim Ministru Joseph Muscat għal dak kollu li għamel għall-lokalita' tal-Marsa, u kif anke Kunsilli preċedenti sabuħ spalla ma spalla sabiex jiġu ndirizzati l-problemi tal-lokalita' tagħna. Huwa saħaq ukoll li jixtieq jikkundanna dak kollu li qed jiġri hemm barra u jawgura li tinstab soluzzjoni paċifika għall-ġid ta' kulħadd. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda u l-vot tal-Kunsill kien hekk; Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi, il-Kunsillier is-Sur Francis Debono, l-Kunsillier is-Sur Colin Pace, il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer u l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia vvutaw favur din il-mozzjoni, filwaqt li l-Kunsillier s-Sinjura Charmaine Aquilina vvutat kontra. Il-Mozzjoni għaddiet b'ħames voti favur u wieħed kontra.

7.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li hemm organizzazzjoni filantropika li qed tbiegħ mince pies bil-għan li tiġbor flus għal tfal żvantaġġati. Il-Kunsillier saħaq li tkun ideja tajba jekk il-Kunsill jixtri mince pies biex dawn jitqassmu matul l-attivitajiet tal-Milied fil-lokalita'. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel ma din l-ideja pero ' saħaq li huwa importanti li l-kumpanija jkollhom VO number.

7.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono staqsa jekk it-tender tal-ġonna beda', u jekk iva, jistgħax il-kuntrattur jagħti lill-Kunsill rendikont ta' dak li sar. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi wieġeb fl-affermattiv u qal li bħala parti mit-tender il-kuntrattur huwa obbligat jagħti rendikont bil-miftub dwar dak li sar u li qed jsir.

7.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talab lill-Kunsill sabiex jittieħdu passi ġodda minħabba is-sitwazzjoni tan-nuqqas ta' dawl f'Diċembru 13 u n-naħa tal-WhiteStars biex ikun hemm dawl temporanju mad-djar sakemm jitlesta x-xogħol. Il-Kunsillier talab sabiex tintbgħat email lill-Ministru kkonċernat. Is-Sindku is-Sur Josef Azzopardi qabel ma din il-proposta.

7.4.5. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer informa lill-Membri tal-Kunsill li l-Gimgħa filgħaxija ser ikun hemm laqgħa *f'The Meeting Place* għal dawk li ser jieħdu sehem fil-Villaġġ tal-Milied u kulħadd huwa mistieden jattendi.

7.4.6. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace rrimarka li l-ġbir fl-akwata tal-korsa mhuwiex qed isir kif suppost. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li huwa importanti ħafna li dawk ir-residenti li mhux qed jinġabrilhom l-iskart jirrappurtaw il-Kunsill minħabba li hemm file apposta li fih qegħdin jinġabru l-ilmenti kollha fuq dan.

7.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace staqsa meta ser jibda x-xogħol fuq il-patching tat-tarmac. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li Giovann ser ikun qed jibda fil-jiem li ġejjin.

7.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer staqsa dwar il-possibilita' li fi Triq Zerafa ssir culvert tal-ilma li tgħaddi għal ġo Azzopardi Street. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi rrimarka li dan jista' jsir bħala parti mill-proġett tal-Ġnien Belvedere, b'hekk il-Kunsill ser ikun qed ikellem il-Perit sabiex dan il-proġett jiġi nkorporat mall-proġett totali.

## *7.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti*

7.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 12/2019 annessa. Wara li ħadd mill-membri l-oħra preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## *7.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

7.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Għaqda Festi Esterni Ssma. Trinita' qed tistaqsi jekk il-Kunsill hux interessat li jirreklama bil-kulur fuq faccata tal-Kalendarju li ser toħroġ l-għaqda li jiswa €230. Barra minhekk qed jistaqsu jekk il-Kunsill hux interessat li bħal kull sena juża s-servizz ta' l-arbli għal żmien il-Milied. Wara li ħadd mill-Membri preżenti ma kellhom oġġezzjoni l-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *7.7 Elettriku għas-Seabins*

7.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi informa l-Membri tal-Kunsill dwar il-bżonn li ż-żewġ seabins li ngħataw il-Kunsill ikollhom l-elettriku u jixtieq jistaqsi dwar xi tkun l-aħjar option għall-Kunsill. L-options li hemm huma li ssir talba ma Transport Malta jekk jistgħux ituna d-dawl, jew issir talba mall-klabb tar-regatta, li jitwaħħlu meters tad-dawl jew li ninvolvu l-privat bħal it-Tug Malta. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li l-privat għandhu jkun obbligat li jħallas id-dawl għal dawn is-seabins għaliex huwa fl-interess tagħhom ukoll li post jinżamm nadif. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li tajjeb jekk il-Kunsill jagħmel klarifika dwar jekk jistgħax issir li jingħata d-dawl għas-seabins. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

.

## *7.8 Konsultazzjoni Pubblika dwar il-Prostituzzjoni*

7.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li minkejja li l-konsultazzjoni pubblika dwar il-prostituzzjoni għalqet, il-Kunsill xorta huwa fil-ħin biex jaċċetta dokument finali li juri l-pożizzjoni kollettiva tla-Kunsill. Kien hawn li tressqet il-kopja. Wara li ħadd mill-Membri preżenti ma kellu oġġezzjoni l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *7.9 Update dwar il-Party tal-Anzjani*

7.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-Membri tal-Kunsill li s'issa hemm 120 persuna ikkonfermati li ser jattendu għall-party tal-anzjani apparti li hemm madwar 40 persuna oħra fuq il-waiting list. Is-Sindku xtaq li l-opinjonijiet tal-Kunsilliera dwar x'jista' jsir mill-40 persuna oħra fuq il-waiting list. Wara diskussjoni fost dawk preżenti ġie miftiehem li dawk l-40 persuna għandhom jiġu' mistiedna iżda jibqgħu jaraw l-attivita' min fuq u li jkun hemm wrist bands b'żewġ kuluri sabiex jiġu ddentifikati iż-żewġ gruppi. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ħareġ fit-8.00p.m.

## *7.10 Postijiet għal sitt bins u sitt cigarette bins*

7.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Onorevoli Deo Debattista qed jagħmel għotja ta' sitt bins li jiswew €700-il wieħed lill-Kunsill Lokali tal-Marsa. Il-Postijiet li dawn jistgħu jitweħħlu huma fi Pjazza G.F Abela, tnejn wara n-niċċa tad-Duluri u tnejn wara l-vaska. Ma dawn is-sitt bins, irReġjun Xlokk qed tagħmel għotja ta' cigarette bins li dawn għandhom jitpoġġew fejn il-parocci tal-lokal. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat, filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *7.11 Laqgħa dwar iċ-Ċimiterju tat-Torok*

7.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li għal Frar il-Professur Conrad Thake ser ikun jagħmel laqgħa informattiva dwar iċ-Ċimiterju tat-Torok li naturalment ser tkun interessanti ferm biex wieħed japprezza l-istorja tal-lokalita' tal-Marsa. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *7.12 Skips fl-akwata tal-Korsa*

7.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ltaqa' mall-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart fejn dan infurmaħ dwar il-possibilita' li l-Kunsill jagħmel skip fejn hem in-niżla fl-akwata tal-korsa minħabba l-fatt li hemm ħafna li qed jużaw il-karetta u qed jarmu mall-art. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace spjega wkoll li ħafna drabi dan l-iskart qed jiġi mormi quddiem residenzi tan-nies. Wara diskussjoni ġie miftiehem li tista' ssir prova ta' xahar sabiex naraw jekk kienx hemm zvilupp pożittiv dwar dan. Il-Kunsillier is-Sir Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien uananimu.

## *7.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

7.15.1 Il-laqgħa ntemmet fis-8.45pm u ġiet aġġornata għat-23 ta’ Jannar fis-6.00pm kif kien miftiehem fis-seduta ta’ qabel.

IFFIRMATA

Josef Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv